**IN-NAXXAR**

# MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL
# IT-TMIEN KUNSILL
# SEDUTA NRU.55 - IT-TLIETA 20 TA' ĠUNJU 2023

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:46.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Assistent Uffiċjal Prinċipal |
| Assenti b'apoloġija: | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Christopher Deguara | Viċi Sindku |

**IS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (SE) INFORMA LI L-LAQGĦA QED TIĠI TRASMESSA LIVE FUQ IL-PAĠNA TA' FACEBOOK.**

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

1.1. Is-SE informa li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gaffiero talbu biex ikunu skużati minn din il-laqgħa.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħat numru 53 u 54 għall-approvazzjoni.

2.2. Il-Kunsill approva *nem con* il-minuti tal-laqgħa nru. 53 wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondata mill-Kunsillier Gatt.

2.3. Il-Kunsill approva *nem con* il-minuti tal-laqgħa nru 54 wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela.

2.4. Il-Kunsillier Cuomo talbet li informazzjoni dwar punt 4.3.1 ta' seduta nr. 53. Is-Sindku infurmatha li hemm komunikazzjoni biex din l-attività ssir fl-okkażjoni ta' Jum in-Naxxar. Hija nfurmat ukoll li qed tikkonferma dwar il-prezz minħabba diskrepanza fil-prezz.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;

3.1. Is-Sindku ressqet il-komunikazzjoni hekk kif ġej;

3.2. Hija nfurmat li kellha korrispondenza dwar il-proġett DEVICE. Dan il-proġett jistieden sa tliet persuni biex jattendu l-attivitajiet u laqgħat relatati li se jsiru fl-Albanija fl-aħħar ta' Ġunju. Is-Sindku infurmat, li għalkemm normalment ikollhom jipparteċipaw is-Sindku u s-SE, din id-darba t-tnejn kellhom impenji oħrajn u għalhekk talbet lill-biex

tara min hu interessat. Il-Kunsillieri Gatt u Abela esprimew ix-xewqa u kkonfermaw l-attendenza tagħhom. Ma kien hemm ħadd aktar li seta' jattendi. Il-Kunsill qabel.

3.3. Hija nfurmat li fil-25 ta' Mejju kien hemm l-appell tal-Ġnien fin-naħa t'isfel ta' Vjal il-Labour. Is-sentenza ġiet diferita.

3.4. Fit-2 ta' Ġunju saret laqgħa urġenti tar-Reġjun Tramuntana. Din saret biex is-Sindku, bħala l-Viċi President Reġjonali tkun konfermata firmatarja tar-Reġjun Tramuntana.

3.5. Fil-5 ta' Ġunju saret il-laqgħa ta' konsultazzjoni dwar Triq Leli Fazlon.

3.6. Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir fis-6 ta' Ġunju ġiet aġġornata għall-21 ta' Ġunju. Dan minħabba li l-esperti tal-Kunsill kellhom bżonn aktar żmien biex jindirizzaw il-proposti li ssemmew fil-konsultazzjoni pubblika.

3.7. Fit-12 ta' Ġunju saret il-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

3.8. Fis-16 ta' Ġunju saret laqgħa fil-bini tal-Parlament mal-Ministru Owen Bonnci u l-Ministru Clayton Bartolo u s-Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli rigward il-Karavans. Hija infurmat li bħalissa l-Kunsill qed jistenna DNO għall-post magħżul mill-Kunsill biex isir caravan site. Flimkien mas-Sindku preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Kunsillier Cuomo.

3.9. Il-Kunsillier Gatt fakkar li fil-31 ta' Mejju kienu attendew laqgħa dwar il-"parking management."

3.10. Is-Sinkdu infurmat li s-Sibt 17 ta' Ġunju saret il-laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Preżenti kien hemm il-Kunsillier Cuomo, il-Kunsilllier Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sinkdu ma' setgħatx tattendi minħabba li kienet indisposta.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Is-SE informa li ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

5.1. Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1. Lista ta' pagamenti (mmarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/55) anness f'appendiċi A.

5.1.2. Lista ta' dħul tax-xahar ta' Mejju anness f'appendiċi B.

5.1.3. Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4. Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Mejju anness f'appendiċi D.

5.2. Il-Kunsill approva r-rapporti (*nem con*) fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 6. TRIQ LELI FALZON;

6.1. Is-Sindku fakkret li kienet saret laqgħa ta' konsultazzjoni fil-5 ta' Ġunju dwar din il-proposta.

6.2. Is-Sindku fakkret il-punti li għalihom qed issir din il-proposta. Dawn huma; biex titnaqqas il-velocità tat-traffiku fit-toroq, sigurtà fit-toroq, faċilità u inkoraġġjament tal-mixi, jitnaqqas it-*through traffic*, jinfirex il-piż u l-inkonvenjent tat-traffiku fuq iż-żoni kollha, jitnaqqas it-tniġġis u jissebħu t-toroq.

6.3. Is-Sindku fakkret li minbarra din iż-żona hemm żoni oħra li se jiġu indirizzati.

6.4. Il-Kunsillier Brincat ippreżenta pjanta tal-Pjazza tal-Mosta li turi kif it-traffiku tal-Mosta se jkun qed jgħaddi kollu min-Naxxar. Huwa għadda l-kummenti tiegħu dwar il-problema tat-traffiku ġewwa n-Naxxar u li l-Kunsill ma jistax jibqa' jistenna u ma

jagħmel xejn. Sostna li l-Kunsill għandu jibda joħroġ pjanijiet konkreti ħalli jiftaħ id-diskussjoni u jekk hemm bżonn ikun hemm sessjoni sħiħa tal-Kunsill fuq hekk.

6.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier Brincat talab li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tkun imressqa l-kwistjoni tal-pjazza u l-problema li qed jikkaġuna t-traffiku.

6.6. Il-Kunsillier Spiteri sostna li waħda mis-soluzzjonijiet għall-problema tat-traffiku fi Triq il-Parroċċa hija li jkun hemm aċċess ta' dħul ieħor minn Triq Bużjett jew Triq Luqa Briffa.

6.7. Is-Sindku imbagħad tablet lill-Perit biex jispjega l-pjanti aġġornati għat-traffiku fi Triq Leli Falzon u l-madwar.

6.8. Il-Kunsill ħa vot dwar din il-materja wara proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat li l-Kunsill jaċċetta l-aħħar verżjoni tal-mizura tat-traffiku u l-pjanta.

6.9. Il-Kunsill ivvvota kif ġej:

**Favur:** Is-Sindku, l-Kunsillieri Marlon Brincat, Noel Gatt, Stephen Abela u Maryanne Cuomo;

**Kontra**: Il-Kunsillieri Joseph Spiteri u Mark Deguara.

**Jastejni:** ħadd;

**7. ITTRA TA' SAPPORT GĦALL-MAGF;**

7.1. Is-SE ressaq ittra mill-MAGF li titlob is-sapport tal-Kunsill. Is-SE fakkar li din kienet diġà ġiet approvata permezz tal-imejl iżda kien hemm il-bżonn li uffċijalment tkun aprovata mill-Kunsill.

7.2. Il-Kunsill approva *nem com*.

**8. ITTRA TA' SAPPORT DWAR IN-NAĦLA MALTIJA (TKT 59348);**

8.1. Is-SE ressaq l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Fondazzjoni għal-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija li titlob l-appoġġ biex in-naħla Maltija tkun meqjusa bħala l-insett Nazzjonali.

8.2. Il-Kunsillier Spiteri talab li jkun skużat għal-ftit minuti mil-laqgħa

8.3. Il-laqgħa ġiet sospiża fuq talba tal-Kunsillier Brincat u qbil bejn il-Kunsill. Il-ħin kien 18:57.

8.4. Il-laqgħa tkompliet fis-19.22.

8.5. Is-Sindku infurmat li l-laqgħa kellha tiġi sospiża wara li kien innutat il-kumment tal-Viċi Sindku fuq facebook u li l-Kunsill ħass li għandu jikkjarifika. Is-Sindku infurmat li d-data ta' din il-laqgħa kienet stabbilita u maqbula bejn il-Kunsillieri preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet cioè fis-6 ta' Ġunju. Hija nfurmat li l-Viċi Sinkdu ma kienx preżenti għal din il-laqgħa minħabba li kien wasal tard u wara li d-deċiżjoni bejn il-Kunsill kienet laħqet ittieħdet.

8.6. Il-Kunsill qabel li dan il-kumment tal-Viċi Sindku għandu jingħata risposta.

8.7. Il-Kunsill iddetta r-risposta lis-SE u tpoġġiet dak il-ħin stess bħala risposta fuq Facebook.

8.8. Kif il-Kunsill kompla bis-suġġett oriġinali kien hemm qbil li jissaportja lil din il-fondazzjoni fuq proposta tas-Sinkdu ssekondata mill-Kunislliera preżenti.

8.9. Is-Sindku rrimarkat li l-Kunsillier Spiteri kien talab li jiskuża ruħu għal ftit minuti iżda sa dak il-ħin ma kienx irritorna.

## 9. RAPPORTI TA' ĦIDMA MILL-KUNSILLIERI/RESPONSABBILTAJIET;

9.1. Is-Sindku fakkret li bil-liġi il-Kunsillieri kollha għandhom jippreżentaw ir-rapporti ta' ħidma lilha.

9.2. Il-Kunsillier Gatt u l-Kunsiller Brincat infurmaw li kienu bgħatu dan ir-rapport permezz ta' imejl.

9.3. Hija talbet lill-Kunsilliera l-oħra biex jinbgħatulha dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr.

## 10. BRING IN SITES;

10.1. Il-Kunsill iddiskuta l-problema ta' skart madwar il-bring in sites.

10.2. Is-Sindku spjegat nuqqas ta' ftehim dwar min għandu jneħħi l-iskart madwar il-BIS.

10.3. Il-Kunsill iddiskuta din is-sitwazzjoni.

10.4. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-ERA.

## 11. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI;

11.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret it-Tnejn 19 ta' Ġunju. (anness f'appendiċi F).

11.2. Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

## 12. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI;

12.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret it-Tnejn 19 ta' Ġunju. (anness f'appendiċi Ġ).

12.2. Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

## 13. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

13.1. Il-Laqgħa ntemmet fit-19.40.

13.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Lulju fis-17.45.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

12 ta' Ġunju, 2023

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 8/55

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023 fil-5:45 ta' filgħaxija.

Tista' tgħażel li tingħaqad b'mod virtwali permezz ta' sistema virtwali iżda jista' jkun hemm limitazzjonijiet biex issegwi preżentazzjonijiet li jista' jkun hemm waqt il-laqgħa. Jista' wkoll ikun hemm u xi diffikultajiet biex il-pubbliku li jkun qiegħed isegwi live, isegwikom waqt l-interventi. Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

*(IFFIRMATA)*

Paul Gatt

Segretarju

Eżekuttiv

---

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 8/55

1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' rapporti finanzjarji:

   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta' dħul;
   c. Skeda ta' ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;

6 Triq Leli Falzon;

7 Ittra ta' sapport għall-MAGF;

8 Ittra ta' sapport dwar in-naħla Maltija (tkt 59348);

9 Rapporti ta' ħidma mill-Kunsillieri/responsabbiltajiet;

10 Bring in sites;

11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Income List for the month of May 2023**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Other Government Income | |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0015 | Other Government Income | |
| 0020 | Commercial/directional signs | |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €105.00 |
| 0023 | Cultural Activities | |
| 0024 | Football ground hire | |
| 0025 | Skip Permit | €320.01 |
| 0026 | Crane Permit | €6,599.46 |
| 0027 | Kiosk Permit | €23.29 |
| 0028 | Outside Activity permit | €65.24 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €889.49 |
| 0031 | Hire of Council Hall | |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | |
| 0033 | #N/A | |
| 0036 | Contraventions | €791.81 |
| 0067 | #N/A | |
| 0110 | #N/A | €200.00 |
| 0121 | Advertising | |
| 0125 | Trenching permits | €20.97 |
| 0200 | Debtors | |
| 4006 | Contractors guarantees | €230.00 |
| 4007 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | |
| | **TOTAL** | **€9,245.27** |

**Receipts** From 48057

To 48556

**List prepared by Charmaine Calleja** 01 June 2023

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of May 2023** **01/06/2023**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 02/05/2023 | 103/23 | PT Matic Environmental Services Ltd | Asbestos collection, export and treatment | € 413.00 |
| 03/05/2023 | 104/23 | CAMC | Security officers for open day of windmill 6&7 May 2023 | € 782.34 |
| 03/05/2023 | 105/23 | Paramount Garage | Elderly May outing | € 130.00 |
| 08/05/2023 | 106/23 | Paramount Garage | Elderly June outing | € 129.30 |
| 04/05/2023 | 107/23 | OzoMalta Ltd | Cleaning of windmill before open weekend | € 200.00 |
| 08/05/2023 | 108/23 | Fino Ferramenta | 2 electric door strikers for Main Hall & Conference Room | € 58.00 |
| 08/05/2023 | 109/23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | € 96.29 |
| 08/05/2023 | 110/23 | Longbow Ltd | Hand towels for dispenser | € 219.48 |
| 08/05/2023 | 111/23 | Anthony Galea | welding and brackets for routine maintenance | € 0.00 |
| 08/05/2023 | 112/23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repairs | € 96.29 |
| 09/05/2023 | 113/23 | Mario Mallia | 2 Heavy Vehicles signs, Street Name sign & clasps | € 103.55 |
| 09/05/2023 | 114/23 | Archway Ironmongery | Ironmongery supplies | € 248.23 |
| 09/05/2023 | 115/23 | Mario Mallia | Sign - various | € 193.38 |
| 11/05/2023 | 116/23 | Maltapost | Distribution of TCTC Flyers | € 219.00 |
| 11/05/2023 | 117/23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair bags | € 96.29 |
| 13/05/2023 | 118/23 | Francelle Camilleri | Mother's Day FB POST | € 12.50 |
| 17/05/2023 | 120/23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair bags | € 96.29 |
| 17/05/2023 | 121/23 | Peppin Garage Ltd | Transport for Scouts event on 19.5.2023 | € 141.60 |
| 18/05/2023 | 129/23 | Mario Mallia | 2 motorcycle signs, 2 no entry signs, 10 clasps and bolts | € 129.51 |
| 25/05/2023 | 130/23 | Chris Falzon | Assistance in the preparation of tenders | € 0.00 |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

# Naxxar Local Council

Petty Cash - May 2022

| For 06/03/2023 through 19/05/2023 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| 02/05/2023 | Mille Profumi | toilet paper and bleach for LC office | | €31.14 | 019/23 |
| 02/05/2023 | Andre Vella | Lifter for TV at windmill | | €40.00 | 020/23 |
| 02/05/2023 | Transmec | Cutting of rods for bankarelli | | €20.77 | 021/23 |
| 02/05/2023 | Coleiro | Paint for windmill | | €28.53 | 022/23 |
| 10/05/2023 | Zaky's | double sided tape for mithna | | €4.45 | 023/23 |
| 12/05/2023 | Maltapost | 100x37c stamps | | €37.00 | 024/23 |
| 18/05/2023 | Mille Profumi | 2 white vinegar | | €3.98 | 025/23 |
| 19/05/2023 | Mille Profumi | 10 vivace floor | | €24.50 | 026/23 |
| 06/03/2023 | Mille Profumi | Toiletries for LC office | | €10.79 | 004/23 |
| | | Retuen to float | 19/07/1900 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | **€401.16** | **€201.16** | |

Charmaine Calleja

30/05/2023

Kunsill Lokali: In-Naxxar



**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Mejju 2023 sat-30 ta' Mejju 2023**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Accounting & Man team | 417.44 | 417.44 | T | PF | Project Manager for an EU ERDF Co-financed Project for CultureMill Restoration aPR 23 | 30/04/2023 | 23/073 | n/a | n/a | 7601 |
| 2 | Michela Aquilina | €160.00 | €160.00 | T | PF | Service of Animator for Junior Science Club for May 2023 | 23/05/2023 | nr,8 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair bags | 19/05/2023 | 115987 | 120/23 | 120/23 | 2311 |
| 4 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair bags | 16/05/2023 | 115709 | 117/23 | 117/23 | 2311 |
| 5 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair bags | 29/05/2023 | 116769 | 17/23 | 17/23 | 2311 |
| 6 | Daniel Briffa | €200.00 | €200.00 | K | PF | DJ for Twinning event Apr 23 | 25/04/2023 | 77 | 124/23 | 124/23 | 3360 |
| 7 | George Brincat | €600.00 | €600.00 | K | PF | Yoga sessions Apr-June 2023 | 27/05/2023 | nr 2 | 78/23 | 78/23 | 3381 |
| 8 | Grace Camilleri | €273.30 | €273.30 | NA | PF | Naxxar branch librarian - Apr 23 | 30/04/2023 | | n/a | n/a | 2995 |
| 9 | Ben Cilia | €2,650.01 | €2,650.01 | NA | PF | Handyman service Mar 2023 | 18/05/2023 | | n/a | n/a | 3125 |
| 10 | Claim for damage | €185.00 | €185.00 | NA | PF | Refund for claim in Trejqet l-Arznu | 24/05/2023 | 002/23 | n/a | n/a | 4006 |
| 11 | Claim for damage | €80.00 | €80.00 | NA | PF | Refund for claim in Triq Burmarrad | 24/05/2023 | 007/23 | n/a | n/a | 4006 |
| 12 | Digital Magic | €885.00 | €885.00 | K | PF | Hire of staging and trussing for Twinning event Apr 23 | 17/05/2023 | 4365 | 122/23 | 122/23 | 3360 |
| 13 | Fino Ferramenta | €58.00 | €58.00 | K | PF | 2 electric door strikers for Main Hall & Conference Ro | 25/05/2023 | 36141 | 108/23 | 108/23 | 7225 |
| 14 | Anthony Galea | €120.00 | €120.00 | K | PF | Welding and brackets for maintenance | 24/05/2023 | 514 | 111/23 | 111/23 | 2310 |
| 15 | Kieran Mark Galea | €420.00 | €420.00 | K | PF | Vidoegraphy for twinning event Apr 23 | 22/04/2023 | 70 | 127/23 | 127/23 | 3360 |
| 16 | Carlo Gerada | €354.00 | €354.00 | K | PF | DJ for twinning event Apr 23 | 24/04/2023 | 42 | 126/23 | 126/23 | 3360 |
| 17 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21417224 for May 2023 | 02/05/2023 | 85315080 | n/a | n/a | 2160 |
| 18 | GO plc | €30.21 | €30.21 | NA | PF | Rental for 21416341 for May 2023 | 02/05/2023 | 85315343 | n/a | n/a | 2160 |
| 19 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund for works done in Triq il-Katakombi | 22/05/2023 | g.25443 | n/a | n/a | 4006 |
| 20 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund for works done in Triq FW Ryan | 22/05/2023 | g.32340 | n/a | n/a | 4006 |
| 21 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund for works done in Triq is-Sejjieh | 22/05/2023 | g.1575 | n/a | n/a | 4006 |
| 22 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund for works done in Triq Spanja | 22/05/2023 | g. 35745 | n/a | n/a | 4006 |
| 23 | Inland Revenue | €5,092.30 | €5,092.30 | NA | PF | NI & FSS May 2023 | 26/05/2023 | | n/a | n/a | 1500 |
| 24 | J&J Gauci | €1,121.00 | €1,121.00 | K | PF | Hard Stone Pedestal for tal-Għaqba Windmill | 25/04/2023 | 23038 | 73/23 | 73/23 | 7601 |
| 25 | JD Patrick | €170.00 | €170.00 | K | PF | DJ for twinning event Apr 23 | 24/04/2023 | 153 | 125/23 | 125/23 | 3360 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgħa nr 8/54

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-18 ta' Mejju 2023 sat-30 ta' Mejju 2023

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 26 | Kunsill Regjonali Tramuntana | €13,344.49 | €13,344.49 | NA | PF | Mixed waste collection and tipping fees -Jan 23 | 20/03/2023 | 304 | n/a | n/a | |
| 27 | Kunsill Regjonali Tramuntana | €11,190.58 | €11,190.58 | NA | PF | Mixed waste collection and tipping fees -Feb 23 | 02/04/2023 | 314 | n/a | n/a | |
| 28 | Kunsill Regjonali Tramuntana | €12,907.50 | €12,907.50 | NA | PF | Mixed waste collection and tipping fees -Mar 23 | 28/04/2023 | 330 | n/a | n/a | |
| 29 | Kunsill Regjonali Tramuntana | €11,335.09 | €11,335.09 | NA | PF | Mixed waste collection and tipping fees -Apr 23 | 26/05/2023 | 340 | n/a | n/a | |
| 30 | Kunsill Regjonali Tramuntana | €63.50 | €63.50 | NA | PF | Bank Charges for closure of KKT Bank accounts & transfer of money | 16/04/2023 | 322 | n/a | n/a | |
| 31 | Lesa | €128.10 | €128.10 | NA | PF | Wardens assistance at opening of outdoor gym | 30/04/2023 | 22-003974 | 2.2.23 | | 7602 |
| 32 | Lift Services | €50.00 | €50.00 | T | PF | Checking and works on lift at LC building | 02/05/2023 | 419649 | n/a | n/a | 3130 |
| 33 | Longbow | €219.48 | €219.48 | K | PF | Hand towels for LC office | 24/05/2023 | 356863 | 110/23 | 110/23 | 2670 |
| 34 | Madaboutvideo | €3,002.86 | €3,002.86 | K | PF | Visuals related in Mithna inauguration | 17/05/2023 | MAVLTD01514 | 130/23 | 130/23 | 7601 |
| 35 | Massimo Magri | €150.00 | €150.00 | K | PF | Light operation for twinning event Apr 23 | 21/04/2023 | 2 | 123/23 | 123/23 | 3360 |
| 36 | Micamed | €20,714.90 | €20,714.90 | NA | PF | Supply of the lighting equipment at outdoor gym | 15/05/2023 | 2491 | n/a | n/a | 3065 |
| 37 | Micamed | €16,545.96 | €16,545.96 | NA | PF | Installation of the lighting equipment at outdoor gym | 15/05/2023 | 2491 | n/a | n/a | 3065 |
| 38 | Micamed | 539.26 | 539.26 | T | PF | Maintenance on street lamp | 26/05/2023 | 11235 | n/a | n/a | 3065 |
| 39 | Micamed | 23.60 | 23.60 | T | PF | Checking of 3 lamps in Triq Santa Klara | 25/05/2023 | 11216 | n/a | n/a | 3065 |
| 40 | Victor Mula | €2,650.01 | €2,650.01 | NA | PF | Handyman service Mar 2023 | 18/05/2023 | | n/a | n/a | 3125 |
| 41 | PTMatic | €413.00 | €413.00 | K | PF | Collection of asbestos from Triq Santa Fawstina Kowalska | 19/05/2023 | 10694 | 103/23 | 103/23 | 3190 |
| 42 | Silvio's chairs | €283.20 | €283.20 | K | PF | Chairs for twinning event 22.4.2023 | 23/05/2023 | 5097 | 92/23 | 92/23 | 3360 |
| 43 | Top Choice | €999.00 | €999.00 | K | PF | 75inch TV for Windmill | 18/04/2023 | 172802 | 69/23 | 69/23 | 7601 |
| 44 | Valletta Legal | €1,003.00 | €1,003.00 | NA | PF | Professional fees and expenses re hearing of appeals | 26/05/2023 | RFP8643 | n/a | n/a | 3140 |
| | | **€109,605.16** | **€109,605.16** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

| | |
|---|---|
| **Post:** | **Kunsill Lokali in-Naxxar** |
| **Data:** | **19 ta' Ġunju 2023** |
| **Ħin:** | **12.30pm - 1.30pm** |
| **Preżenti:** | **Is-Sindku, il-Kunsillier Marlon Brincat, is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg (Uffiċjal tal-Kunsill). Il-Kunsillier Spiteri kien skużat milli jattendi minħabba impenji ta' xogħol.** |

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

**Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:**

| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tal-Kumitat*** |
|---|---|---|---|---|
| 12560 | 59245 | Talba għall-speed calming measures go Vjal il-Labour. qieghed ikun hemm ilmenti li minn wara 8pm tiżdied il-velocita tal-karozzi nieżlin/tielgħin | Labour | Tkun diskussa mal-esperti u terġa titressaq f'laqgħa oħra tas-sottokumitat. |
| 12567 | 59551 | Proposed place for a planter on the pavement as per pinned google map provided by the resident | Porzjunkula | Approvata. |
| 12568 | 57448 | Re-discussion of the speed calming measures request in Triq il-Kappella ta' Santa Marija - near B&B construction. previous request for road humps was denied | Kappella ta' Santa Marija | Ma nstabitx soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni. |
| 12573 | 59672 | Talba biex jiġu mmarkati il-parking bays ta' Triq Anton Manwel Caruana | Anton Manuel Caruana | Approvata li jsiru l-parking bays. |
| 12577 | 59447 | Talba biex issir traffic mirror fi Triq Santa Klara. Mappa u ritratti mehmuża biex jagħtu indikazzjoni ta' fejn qed issir it-talba. | Santa Klara | M'hemmx oġġezzjoni li ssir iżda titħallas u tkun taħt ir-responsabbiltà ta' min qed jitlobha minħabba li hija għall-użu privat. |
| 12578 | 54158 | Talba għall-embellishment tal-green area/s ġo Triq il-Fortizza tal-Mosta. (bejn it-triq u l-barriera) | Fortizza Tal-Mosta | Tkun ikkonsidrata bħala proġett fil-futur. |
| 12589 | 55537 | Jiġi diskuss ir-rapport wara l-konsultazzjoni biex Triq Pietru Caxaro ssir f'direzzjoni waħda. | Pietru Caxaro | Wara li l-kumitat evalwa r-rapport u l-kummenti, ma sabx raġuni għaliex it-triq għandha ssir one way. Apparti hekk it-tweġibiet favur kienu fil-minoranza filwaqt li tqiesu sewwa l-kummenti ta' residenta partikulari. |
| 12590 | | Problema b'ħafna telefonati li qed twassal biex ma' jingħatax l-aħjar servizz possibli. Proposta li jkunu llimitati l-ħinijiet tat-telefonati. | | Il-Kumitat qabel. l-Amministrazzjoni se tkun qed tippreżenta rapport u r-rakomandazzjonijiet li jinkludu wkoll promozzjoni professjonali dwar dan. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12594 | 59664 | ikun stabbilit hin ghal-tfal zghar u hin ghal-zghazagh - Public Football Ground | 21 Ta' Settembru | Ma nstabitx soluzzjoni minħabba li l-post huwa għall-użu tal-pubbliku u diffiċli tikkontrolla. |
| 12597 | 59895 | talba għall bollard fit-tarf ta' Sqaq 4, Triq Castro, Naxxar | Castro (Sqaq Nru. 4) | Approvata li ssir, possibilment biċ-ċavetta. |
| 12602 | 60407 | talba għall-reserved parking bay quddiem maternity, paediatric and radiology clinic li ser jiftaħ ġo Triq Wesgħet il-Frott k/m Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar. Monday-Friday 08:00-19:00 | Wesgħat il-Frott | Mhux approvata minħabba peress li kliniċi oħrajn m'għandhomx u għalhekk jinħoloq preċedent. |

**Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi**

**Data:** 19 ta' Ġunju 2023
**Ħin:** 11.30 - 12.15
**Preżenti:** Is-Sindku, l-Kunsillier Marlon Brincat, is-Segretajru Eżekuttiv u Yanika Borg, Uffiċjal tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku kien assenti.
**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar

---

**1. Riklamar tal-Kunsill fil-ktieb tal-festa - Kumitat tal-Festa Marija Bambina;**

1.1 Il-Kumitat iddiskuta din it-talba u qabel li l-Kunsill għandu jirriklama fil-ktieb tal-festa.

1.2 Il-kumitat għażel ir-riklam ta' Eur130.

**2. Riklamar tal-Kunsill fil-ktieb tal-festa - Għaqda Mużikali Marija Bambina Banda Vittorja #59353**

2.1 Il-kumitat iddiskuta din it-talba u qabel li l-Kunsill għandu jirriklama fil-ktieb tal-festa.

2.2 Il-kumitat għażel ir-riklam ta' Eur130.

**3. Riklamar tal-Kunsill fil-ktieb tal-festa - Soċjetà Mużikali Peace - #60195**

3.1 Il-Kumitat iddiskuta din it-talba u qabel li l-Kunsill għandu jirriklama fil-ktieb tal-festa.

3.2 Il-kumitat għażel ir-riklam ta' Eur130.

**4. Talba għal ħlas ta' danni - Triq Burmarrad - 004/23 - EUR276.00**

4.1 Il-Kumitat iddiskuta din it-talba. Il-Kumitat ħass li l-evidenza mressqa ma' kinitx biżżejjed biex tipprova li l-ħsara fil-vettura saret fejn u kif qed jiġi allegat.

**5. Suġġeriment għal xkaffa u notice board għall-librerija li tinsab fil-bini tal-Kunsill (#58212)**

5.1 Kif rakkomandat mil-Librerija Pubblika Ċentrali, l-Kumitat qabel li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet biex isiru xkaffa li tesponi l-kotba u notice board biex jattiraw aktar klijenti.

**6. Ħruġ ta' Tenders;**

**A. Cleaning, Opening and Closing of the Public Convivence in Naxxar;**

**B. Cleaning of Civic Centre including Local Council offices;**

**Ċ. Street sweeping services in Naxxar using environmentally friendly practices.**

6.1 Is-SE informa li minħabba li dawn il-kuntratti kienu skadew, kienu se joħorġu l-offerti għalihom. Naturalment wara li jkunu ppreparati d-dokumentazzjonijiet meħtieġa. Il-Kumitat jista' jgħaddi rakkomandazzjonijiet dwar speċifikazzjonijiet ġodda li jkun jixtieq jinkludi.

6.2 Il-Kumitat qabel mal-ħruġ ta' dawn l-offerti.

**7. Sit għall-karavans;**

7.1 Il-Kumitat approva li jsir it-tindif fis-sit, tabelli, linji u dak li hemm bżonn biex is-sit tal-karavans approvata mill-Kunsill tkun tista' tibda tintuża hekk kif il-*bye law* l-ġdida dwar il-karavans tkun fis-seħħ.

**8. Bye-law dwar l-użu tal-grawnd;**

8.1 Il-Kumitat iddiskuta u qabel li tinħadem *bye-law* dwar l-użu tal-grawnd tal-futbol li jinsab fi Triq tal-Labour k/m Vjal il-21 ta' Settembru.

8.2 Il-Kumitat talab li fil-bye-law ikun inkluż klawsola li tirregola taħriġ tal-futbol minn persuni u entitajiet li m'humiex relatati m'għaqdiet lokali.

---

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv